SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

12 ta' Ġunju 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 401 – Prinċipju ta' newtralità fiskali – Akkwist minn impriżi, mingħand individwi, ta' oġġetti ta' kontenut għoli ta' deheb jew ta' metall prezzjuż ieħor intiżi għall-bejgħ mill-ġdid – Taxxa fuq it-trasferimenti tal-assi"

Fil-Kawża C-185/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Marzu 2018, fil-proċedura

**Oro Efectivo SL**

vs

**Diputación Foral de Bizkaia,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn C. Toader, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur) u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Oro Efectivo SL, minn K. Caminos García u A. Landeta Calvo, abogados, kif ukoll minn A. Rodríguez Muñoz,

– għad-Diputación Foral de Bizkaia, minn F. Ortiz de Apodaca García, procurador, u minn M. Barrena Ezcurry, abogada,

– għall-Gvern Spanjol, minn S. Jiménez García, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u J. Jokubauskaitė, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT"), kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Oro Efectivo SL u d-Diputación Foral de Bizkaia (il-Kunsill Provinċjali ta' Bizkaia, Spanja) dwar rifjut li titnaqqas it-taxxa fuq it-trasferimenti tal-assi u l-atti legali ddokumentati.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Is-Sitt Direttiva*

3 L-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 160) (iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), jiddisponi:

"Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn tal-Komunità, b'mod partikolari dawk stabbiliti fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ li għandhom x'jaqsmu ma' l-arranġementi ġenerali għaż-żamma, ċaqliq u ssorveljar ta' prodotti suġġetti għal dazju, din id-Direttiva ma żżommx Stat Membru milli jħalli jew idaħħal taxxi fuq kuntratti ta' assigurazzjoni, taxxi fuq imħatri u logħob, dazji ta' sisa, bolol u iktar ġenerali, kull taxxa, dazju jew spejjeż li ma jistgħux ikunu kkaratterizzati bħala taxxi fuq turnover sakemm dawk it-taxxi, dazji jew spejjeż, f'negozju bejn Stati Membri ma jdaħħlux formalitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-qsim ta' fruntieri."

*Id-Direttiva dwar il-VAT*

4 Is-Sitt Direttiva ġiet imħassra u ssostitwita, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, bid-Direttiva dwar il-VAT. Il-premessi 4 u 7 tad-Direttiva dwar il-VAT jistabbilixxu:

"(4) L-ilħuq ta' l-għan li jiġi stabbilit suq intern jassumi l-applikazzjoni fl-Istati Membri ta' leġislazzjoni dwar it-taxxi fuq il-bejgħ li ma tħarbatx il-kondizzjonijet tal-kompetizzjoni jew ma xxekkilx iċ-ċaqliq ħieles tal-merkanzija u s-servizzi. Għalhekk hu meħtieġ li tintlaħaq din l-armonizazzjoni tal-leġislazzjoni dwar it-taxxi fuq il-bejgħ permezz ta' sistema ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), li għandha telimina, sa fejn hu possibli, fatturi li jistgħu jtelfu l-kondizzjonijet ta' kompetizzjoni, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell tal-Komunità.

[…]

(7) Is-sistema komuni ta' VAT għandha twassal, anki jekk ir-rati u l-eżenzjonijiet ma jkunux armonizzati b'mod sħiħ, għal newtralità fil-kompetizzjoni, b'mod li fit-territorju ta' kull pajjiż merkanzija u servizzi simili jġorru l-istess piż ta' taxxa, hu x'inhu t-tul tal-produzzjoni u l-katina tad-distribuzzjoni."

5 L-Artikolu 401 ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tad-dritt Komunitarju, din id-Direttiva ma żżommx Stat Membru milli jħalli jew idaħħal taxxi fuq kuntratti ta' assigurazzjoni, taxxi fuq imħatri u logħob ta' l-azzard, dazji tas-sisa, taxxi tal-boll jew b'mod aktar ġenerali, kwalunkwe taxxi, dazji jew piżijiet li ma jistgħux ikunu kkaratterizzati bħala taxxi fuq il-bejgħ, sakemm il-ġbir ta' dawk it-taxxi, dazji jew piżijiet ma joħloqx, f'negozju bejn l-Istati Membri, għal formalitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-qsim ta' fruntieri."

### *Id-dritt Spanjol*

6 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti huma dawk stipulati fl-Artikoli 7 u 8 tan-Norma foral 3/1989 del Territorio Histórico de Bizkaia, del Impuesto sobre Transmisiones Patrimoniales y Actos Jurídicos Documentados (il-Liġi Provinċjali 3/1989 tat-Territorju Storiku ta' Bizkaia dwar it-Taxxa fuq it-Trasferimenti tal-Assi u l-Atti Legali Ddokumentati) tal-21 ta' Marzu 1989 (għas-sena finanzjarja 2010), kif ukoll l-Artikoli 9 u 10 tan-Norma foral 1/2011 del Territorio Histórico de Bizkaia, del Impuesto sobre Transmisiones Patrimoniales y Actos Jurídicos Documentados (il-Liġi Provinċjali 1/2011 tat-Territorju Storiku ta' Bizkaia dwar it-Taxxa fuq it-Trasferimenti tal-Assi u l-Atti Legali Ddokumentati) tal-24 ta' Marzu 2011 (għas-snin finanzjarji 2011 u 2012). Dawn id-dispożizzjonijiet huma identiċi għal dawk stipulati fl-Artikoli 7 u 8 tar-Real Decreto Legislativo 1/1993 por el que se aprueba el Texto Refundido de la Ley del Impuesto sobre Transmisiones Patrimoniales y Actos Jurídicos Documentados (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/1993, li Japprova t-Test Ikkonsolidat tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq it-Trasferimenti tal-Assi u l-Atti Legali Ddokumentati tal-24 ta' Settembru 1993 (BOE Nru 251, tal-20 ta' Ottubru 1993). F'din id-deċiżjoni tar-rinviju l-estratti rilevanti minn dawn id-dispożizzjonijiet huma miġbura fil-qosor kif ġej:

"[...]

– jikkostitwixxu trasferiment tal-assi taxxabbli t-trasferimenti suġġetti għall-ħlas magħmula permezz ta' atti *inter vivos* ta' kull tip ta' oġġetti u drittijiet li jifformaw parti mill-assi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi;

– ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' trasferimenti tal-assi suġġetti għall-ħlas it-tranżazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq 'peress li dawn twettqu minn imprendituri jew professjonisti fl-eżerċizzju tal-attività kummerċjali jew professjonali tagħhom u, fi kwalunkwe każ, meta jikkostitwixxu kunsinni ta' oġġetti jew provvisti ta' servizzi suġġetti għall-[VAT]';

– 'il-persuna li takkwista' hija meħtieġa li tħallas it-taxxa bħala persuna taxxabbli, fil-kuntest ta' trasferimenti ta' oġġetti u drittijiet ta' kull xorta, minkejja kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja prevista mill-partijiet."

7 Skont l-Artikolu 4 tal-Ley 37/1992 del Impuesto sobre el Valor Añadido (il-Liġi 37/1992 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) tat-28 ta' Novembru 1992 (BOE Nru 312, tad-29 ta' Diċembru 1992) it-tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT ma humiex suġġetti għal taxxa fuq it-trasferimenti tal-assi u l-atti legali ddokumentati fir-rigward tat-trasferimenti tal-assi suġġetti għall-ħlas.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

8 Fil-kuntest tal-attività tagħha, Oro Efectivo, li l-għan tan-negozju tagħha huwa x-xiri, il-bejgħ, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' materja prima, ħaġar prezzjuż u metalli prezzjużi, tixtri mingħand individwi oġġetti b'kontenut għoli ta' deheb jew metall prezzjuż ieħor u tbigħhom mill-ġdid, għall-ipproċessar u sussegwentement l-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom fil-kummerċ, lil impriżi speċjalizzati fil-manifattura ta' ingotti jew prodotti oħra ta' metall prezzjuż.

9 Il-Hacienda Foral de Bizkaia (it-Teżor Pubbliku Reġjonali ta' Bizkaia, Spanja) ikkunsidra li x-xiri ta' oġġetti tad-deheb u metalli oħra mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali minn individwi matul is-snin 2010 sa 2012 kienu suġġetti għat-taxxa fuq it-trasferimenti tal-assi u l-atti legali ddokumentati.

10 Oro Efectivo kkontestat id-deċiżjoni ta' din l-awtorità tat-taxxa quddiem it-Tribunal Económico-Administrativo Foral de Bizkaia (il-Qorti Fiskali Provinċjali ta' Bizkaia, Spanja), billi stqarret li numru ta' qrati nazzjonali kienu ħadu deċiżjonijiet li indikaw li tali tranżazzjonijiet ta' xiri ma għandhomx ikunu suġġetti għat-taxxa fuq it-trasferimenti tal-assi u l-atti legali ddokumentati. Barra minn hekk, hija sostniet li l-akkwisti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu saru matul l-attività tan-negozju tagħha. Barra minn hekk, hija sostniet li l-impożizzjoni ta' din it-taxxa, bi ksur tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, tirriżulta f'tassazzjoni doppja, peress li dawn l-akkwisti diġà kienu suġġetti għall-VAT.

11 Permezz ta' sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, it-Tribunal Económico-Administrativo Foral de Bizkaia (il-Qorti Fiskali Provinċjali ta' Bizkaia) ċaħdet dan ir-rikors.

12 Oro Efectivo appellat id-deċiżjoni ta' din il-qorti quddiem it-Tribunal Superior de Justicia del País Vasco (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tal-País Vasco, Spanja). Dan l-appell ġie miċħud permezz ta' sentenza tat-13 ta' Settembru 2016.

13 Oro Efectivo ippreżentat appell fil-kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja).

14 Din il-qorti tippreċiża li s-soluzzjoni għat-tilwima pendenti quddiemha tiddependi, b'mod partikolari, fuq il-portata tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

15 Hija tistaqsi iktar speċifikament dwar jekk leġiżlazzjoni li titlob lil impriża l-ħlas ta' taxxa indiretta distinta mill-VAT, fil-forma ta' taxxa fuq it-trasferimenti tal-assi u l-atti legali ddokumentati, fir-rigward tal-akkwist minn din l-impriża, mingħand individwi fiżiċi, ta' proprjetà mobbli, bħad-deheb, muniti jew ġojjellerija, fejn dawn l-oġġetti huma intiżi għall-attività ekonomika ta' din l-impriża, li, barra minn hekk, twettaq tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT meta dawn l-oġġetti jiddaħħlu mill-ġdid fil-kummerċ, mingħajr ma jkollha l-possibbiltà li tnaqqas, fil-kuntest ta' dawn it-tranżazzjonijiet, l-ammont imħallas bħala parti minn dik it-taxxa fuq l-akkwiżizzjoni inizjali tal-istess oġġetti, hijiex kompatibbli mad-Direttiva dwar il-VAT kif ukoll mal-prinċipju ta' newtralità fiskali.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-Direttiva [dwar il-VAT] u l-prinċipju ta' newtralità fiskali li jirriżulta minn din id-direttiva, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [...] li tinterpretaha, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li Stat Membru jista' jeżiġi l-ħlas ta' taxxa indiretta separata [mill-VAT] mingħand imprenditur jew mingħand professjonist għax-xiri mingħand persuna privata ta' proprjetà mobbli (speċifikament, deheb, fidda u ġojjellerija) meta:

– 1) l-oġġett mixtri ser jintuża, permezz tal-ipproċessar u tat-trasferiment ulterjuri tiegħu, għall-attività ekonomika nnifisha tal-imsemmi imprenditur.

– 2) fil-kuntest tal-introduzzjoni mill-ġdid fil-kummerċ tal-oġġett mixtri, ser jitwettqu tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT, u meta

– 3) il-leġiżlazzjoni applikabbli f'dan l-istess Stat ma tippermettix li l-imprenditur jew il-professjonist jnaqqas, fil-kuntest ta' dawn it-tranżazzjonijiet, l-ammont imħallas abbażi ta' din it-taxxa fil-kuntest tal-ewwel waħda mill-imsemmija xirjiet?"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17 Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju talbet l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

18 Din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 2018, Oro Efectivo (C-185/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:298).

## Fuq id-domanda preliminari

19 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva dwar il-VAT kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta t-trasferimenti tal-assi għal taxxa indiretta, distinta mill-VAT, l-akkwist minn impriża, mingħand individwi, ta' oġġetti ta' kontenut għoli ta' deheb jew ta' metall prezzjuż ieħor, fejn dawn l-oġġetti huma intiżi għall-attività ekonomika ta' din l-impriża, li, għall-finijiet tal-ipproċessar tagħhom u għall-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom fil-kummerċ, tbigħhom mill-ġdid lil impriżi speċjalizzati fil-manifattura ta' ingotti jew prodotti oħra ta' metall prezzjuż.

20 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 401 tad-Direttiva dwar il-VAT, id-dispożizzjonijiet tagħha ma jostakolawx lil Stat Membru milli jħalli jew idaħħal taxxi fuq kuntratti ta' assigurazzjoni u taxxi fuq imħatri u logħob tal-ażżard, dazji tas-sisa, taxxi tal-boll u mod iktar ġenerali, kwalunkwe taxxi, dazji jew piżijiet li ma jistgħux ikunu kkaratterizzati bħala taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, sakemm il-ġbir ta' dawk it-taxxi, dazji jew piżijiet ma joħloqx, fin-negozju bejn l-Istati Membri, formalitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-qsim ta' fruntiera. Peress li d-dritt tal-Unjoni jaċċetta l-eżistenza ta' sistemi ta' tassazzjoni li jikkompetu bejniethom, tali taxxi jistgħu wkoll jinġabru meta l-ġbir tagħhom jista' jwassal għal kumulu mal-VAT għall-istess tranżazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 2014, Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona, C-139/12, EU:C:2014:174, punt 28, kif ukoll tas-7 ta' Awwissu 2018, Viking Motors *et*, C-475/17, EU:C:2018:636, punt 26).

21 Interpretazzjoni letterali ta' din id-dispożizzjoni tagħmilha possibbli li jiġi konkluż, minħabba l-kundizzjoni negattiva li tinsab fl-espressjoni "li ma jistgħux ikunu kkaratterizzati bħala taxxi fuq [id-dħul mill]-bejgħ", li ż-żamma jew l-introduzzjoni minn Stat Membru ta' taxxi, dazji u piżijiet huma permessi biss bil-kundizzjoni li ma humiex komparabbli ma' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Viking Motors *et*, C-475/17, EU:C:2018:636, punt 27).

22 Filwaqt li l-kunċett ta' "taxxa fuq il-fatturat" ma huwiex iddefinit la fl-Artikolu 401 tad-Direttiva dwar il-VAT u lanqas fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra fiha, għandu jiġi nnutat li dan l-artikolu huwa essenzjalment identiku għall-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva (is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Viking Motors *et*, C-475/17, EU:C:2018:636, punt 28).

23 Madankollu, fil-kuntest tal-kawżi li wasslu għad-digriet tas-27 ta' Novembru 2008, Renta (C-151/08, mhux ippubblikat, EU:C:2008:662), kif ukoll is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2014, Caixa d'Estavis i Pensions de Barcelona (C-139/12, EU:C:2014:174), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva ma' leġiżlazzjoni nazzjonali relatata ma' taxxa fuq it-trasferimenti tal-assi suġġetti għall-ħlas b'karatteristiċi simili għal dawk tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret il-karatteristiċi essenzjali tal-VAT fil-ġurisprudenza tagħha, li huma erba', jiġifieri l-applikazzjoni ġenerali tal-VAT għat-tranżazzjonijiet li jkollhom oġġetti jew servizzi bħala s-suġġett tagħhom; id-determinazzjoni tal-ammont tagħha proporzjonalment għall-prezz mitlub mill-persuna taxxabbli bħala ħlas għall-oġġetti jew għas-servizzi pprovduti minnha; l-impożizzjoni ta' din it-taxxa f'kull stadju tal-proċess ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni, inkluż l-istadju tal-bejgħ bl-imnut, irrispettivament min-numru ta' tranżazzjonijiet li jkunu seħħew qabel, u t-tnaqqis mill-VAT dovuta mill-persuna taxxabbli fuq l-ammonti mħallsa fl-istadji preċedenti tal-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni b'tali mod li din it-taxxa, fi stadju partikolari, tapplika biss għall-valur miżjud f'dak l-istadju u b'tali mod li l-oneru finali ta' din it-taxxa jaqa' b'mod definittiv fuq il-konsumatur, ikkunsidrat li tali taxxa hija distinta mill-VAT b'mod li ma tistax tiġi kklassifikata bħala taxxa li għandha n-natura ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, fis-sens tal-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva (digriet tas-27 ta' Novembru 2008, Renta, C-151/08, mhux ippubblikat, EU:C:2008:662, punti 32 u 45, kif ukoll is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2014, Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona, C-139/12, EU:C:2014:174, punt 29).

24 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat b'mod partikolari li tali taxxa ġeneralment ma taffettwax it-tranżazzjonijiet kollha li għandhom bħala għan oġġetti jew servizzi u li ma hijiex imposta fil-kuntest ta' proċess ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni fejn, f'kull stadju ta' dan, jistgħu jitnaqqsu mit-taxxa l-ammonti mħallsa fl-istadji preċedenti għal dan il-proċess (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-27 ta' Novembru 2008, Renta, C-151/08, mhux ippubblikat, EU:C:2008:662, punti 41 u 43).

25 F'dan ir-rigward, xejn fil-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermetti li jiġi kkonstatat li din id-domanda għandha tiġi analizzata b'mod differenti fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Għalhekk, il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti 23 u 24 ta' din is-sentenza fir-rigward tal-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva għandhom jitqiesu bħala analogi għall-Artikolu 401 tad-Direttiva dwar il-VAT fil-kuntest ta' din il-kawża.

26 Minn dan isegwi li taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tistax titqies li għandha l-karattru ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, fis-sens tal-Artikolu 401 tad-Direttiva dwar il-VAT.

27 Il-qorti tar-rinviju tqis, barra minn hekk, li l-applikazzjoni kemm tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll tas-sistema komuni tal-VAT tista' ddgħajjef il-prinċipju ta' newtralità fiskali fir-rigward tal-VAT.

28 Fir-rigward ta' dan il-prinċipju, li ġie mfakkar fil-premessi 4 u 7 tad-Direttiva dwar il-VAT, ta' min jinnota li, sabiex jiġu evitati riżultati differenti fir-rigward tal-għan li jinkisbu kundizzjonijiet ekwi ta' tassazzjoni għall-istess tranżazzjoni irrispettivament mill-Istat Membru, li fih din tiġi imposta, li hija

parti mis-sistema komuni tal-VAT, kwalunkwe tqabbil tal-karatteristiċi ta' taxxa, bħat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma' dawk tal-VAT għandu jsir fid-dawl ta' dak l-għan. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-rekwiżit li jgħid li n-newtralità tas-sistema komuni tal-VAT għandha tiġi ggarantita f'kull mument (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Viking Motors *et*, C-475/17, EU:C:2018:636, punt 41).

29 Issa, hekk kif enfasizzat tajjeb il-Kummissjoni Ewropea, il-prinċipju ta' newtralità fiskali fil-qasam tal-VAT jitlob din in-newtralità biss fil-kuntest tas-sistema armonizzata stabbilita mid-Direttiva dwar il-VAT. F'dan il-każ, fir-rigward ta' taxxa mhux armonizzata fil-kuntest ta' din id-direttiva, il-ksur tan-newtralità tas-sistema komuni tal-VAT huwa improbabbli (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Metropol Spielstätten, C-440/12, EU:C:2013:687, punt 57).

30 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li d-Direttiva dwar il-VAT kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta t-trasferimenti tal-assi għal taxxa indiretta, distinta mill-VAT, l-akkwist minn impriża, mingħand individwi, ta' oġġetti ta' kontenut għoli ta' deheb jew ta' metall prezzjuż ieħor, fejn dawn l-oġġetti huma intiżi għall-attività ekonomika ta' din l-impriża, li, għall-finijiet tal-ipproċessar tagħhom u għall-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom fil-kummerċ, tbigħhom mill-ġdid lil impriżi speċjalizzati fil-manifattura ta' ingotti jew prodotti oħra ta' metall prezzjuż.

**Fuq l-ispejjeż**

31 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta t-trasferimenti tal-assi għal taxxa indiretta, distinta mill-VAT, l-akkwist minn impriża, mingħand individwi, ta' oġġetti ta' kontenut għoli ta' deheb jew ta' metall prezzjuż ieħor, fejn dawn l-oġġetti huma intiżi għall-attività ekonomika ta' din l-impriża, li, għall-finijiet tal-ipproċessar tagħhom u għall-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom fil-kummerċ, tbigħhom mill-ġdid lil impriżi speċjalizzati fil-manifattura ta' ingotti jew prodotti oħra ta' metall prezzjuż.**

Firem